

9.5.2011

A7-0243/17

**Emenda 17**

**Vital Moreira, Véronique De Keyser, Kader Arif**

f' isem il-Grupp S&D

**Rapport**

**A7-0243/2010**

**Vital Moreira**

Miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea  
COM(2010)0054 – C7-0042/2010 – 2010/0036(COD)

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 5**

Regolament KE Nru 1215/2009

Artikolu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(5) L-Artikolu 4 jinbidel b' dan li ġej:**

***imħassar***

***"Artikolu 4***

***L-implimentazzjoni ta' kwota tariffarja  
għal-'laħam taċ-ċanga għat-trabi'***

***"Ir-regoli ddettaljati għall-  
implimentazzjoni tal-kwota tariffarja  
għal-'laħam taċ-ċanga għat-trabi"  
għandhom jiġu ddeterminati mill-  
Kummissjoni skont il-proċedura  
msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-  
Regolament tal-Kunsill (KE)  
Nru 1234/2007 li jstabbilixxi  
organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli  
u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti  
prodotti agrikoli (Ir-Regolament  
Waħdieni dwar l-OKS).***

Or. en

9.5.2011

A7-0243/18

**Emenda 18**

**Vital Moreira, Véronique De Keyser, Kader Arif**

f' isem il-Grupp S&D

**Rapport**

**A7-0243/2010**

**Vital Moreira**

Miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea  
COM(2010)0054 – C7-0042/2010 – 2010/0036(COD)

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 5 a (ġdid)**

Regolament KE Nru 1215/2009

Artikolu 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(5a) L-Artikolu 7 għandu jinbidel b' dan li ġej:*

**"Artikolu 7**

**Konferiment ta' setgħat**

**Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati bi qbil mal-Artikolu 7a rigward:**

**(a) emendi u aġġustamenti tekniċi meħtieġa wara li jsiru l-emendi għall-kodiċi ta' Nomenklatura Magħquda u s-suddiviżjonijiet tat-TARIC;**

**(b) aġġustamenti meħtieġa wara li jiġu konklużi l-ftehimiet l-oħra bejn l-Unjoni u l-pajjiżi u t-territorji msemmija fl-Artikolu 1;**

**(c) regoli dattaljati għall-implimentazzjoni tal-kwota tariffarja għall-prodotti tal-"baby beef".**

**Meta dan ikun meħtieġ għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza, il-proċedura provduta fl-Artikolu 7b għandha tapplika għal atti delegati adottati skont dan l-**

AM\866957MT.doc

PE446.606v01-00

*Artikolu.”*

Or. en

9.5.2011

A7-0243/19

## **Emenda 19**

**Vital Moreira, Véronique De Keyser, Kader Arif**

f' isem il-Grupp S&D

## **Rapport**

**A7-0243/2010**

### **Vital Moreira**

Miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea  
COM(2010)0054 – C7-0042/2010 – 2010/0036(COD)

## **Proposta għal regolament – att li jemenda**

### **Artikolu 1 – punt 5 b (ġdid)**

Regolament KE Nru 1215/2009

Artikolu 7 a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(5b) L-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal:**

**“Artikolu 7a**

***Eżerċizzju tad-delega***

***1. Is-setgħa li tadotta atti delegati hija kkonferita lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu..***

***2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 7 għandha tkun konferita lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2015. Il-Kummissjoni għandha theggi rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħat sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem dak il-perjodu.***

***3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 7a tista' tiġi revokata fi kwalunkwe waqt mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandu jkollha effett mill-għada tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew minn data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti***

AM\866957MT.doc

PE446.606v01-00

*delegati diġà fis-seħħ.*

*4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*

*5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 7 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk l-ebda oġġezzjoni ma tkun ġiet espressa jew min-naħa tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel tmiem dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu informaw lill-Kummissjoni li ma kenux sejr in joġġezzjonaw. Fuq inizzjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn.*

Or. en

9.5.2011

A7-0243/20

**Emenda 20**

**Vital Moreira, Véronique De Keyser, Kader Arif**

f' isem il-Grupp S&D

**Rapport**

**A7-0243/2010**

**Vital Moreira**

Miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea  
COM(2010)0054 – C7-0042/2010 – 2010/0036(COD)

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 5 c (ġdid)**

Regolament KE Nru 1215/2009

Artikolu 7 b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(5c) L-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal:**

**“Artikolu 7b**

***Proċedura ta' urġenza***

***1. Atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat adottat skont dan l-Artikolu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-użu tal-proċedura ta' urġenza.***

***2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att delegat skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 7a. F'każ ta' dan it-tip, il-Kummissjoni għandha tirrevoka l-att bla dewmien wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.”***

Or. en

9.5.2011

A7-0243/21

**Emenda 21**

**Vital Moreira, Véronique De Keyser, Kader Arif**

f' isem il-Grupp S&D

**Rapport**

**A7-0243/2010**

**Vital Moreira**

Miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea  
COM(2010)0054 – C7-0042/2010 – 2010/0036(COD)

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 5 d (ġdid)**

Regolament KE Nru 1215/2009

Artikolu 8

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(5d) L-Artikolu 8 għandu jinbidel b' dan li ġej:*

**Artikolu 8**

***Proċedura tal-Kumitat***

- 1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna *mill-Kumitat ta' Implimentazzjoni għall-Balkani tal-Punent. Dak il-Kumitat għandu jkun Kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.***
- 2. Meta jsir riferiment għal dan il-paragrafu, għandu japplika *l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.***
- 3. Meta jsir riferiment għal dan il-paragrafu, għandu japplika *l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.***

Or. en

9.5.2011

A7-0243/22

**Emenda 22**

**Vital Moreira, Véronique De Keyser, Kader Arif**

f' isem il-Grupp S&D

**Rapport**

**A7-0243/2010**

**Vital Moreira**

Miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea  
COM(2010)0054 – C7-0042/2010 – 2010/0036(COD)

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 5 e (ġdid)**

Regolament KE Nru 1215/2009

Artikolu 10 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(5e) L-Artikolu 10(1) qed jiġi emendat kif ġej:*

*(a) il-punt (a) għandu jinbidel b' dan li ġej:*

*"(a) informa lill-Kumitat ta' Implimentazzjoni għall-Balkani tal-Punent;"*

*(b) għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:*

*"Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 8(2)."*

Or. en